Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 88/20**
il-Lussemburgu, id-9 ta' Lulju 2020

Sentenza fil-Kawża C-264/19
Constantin Film Verleih GmbH vs YouTube LLC u Google Inc.

# Waqt upload illegali ta' film fuq pjattaforma online, bħal YouTube, il-proprjetarju jista', bis-saħħa tad-Direttiva fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jitlob biss mill-operatur l-indirizz postali tal-utent ikkonċernat, iżda mhux l-indirizz tal-posta elettronika jew IP tiegħu jew in-numru tat-telefon tiegħu

Fis-sentenza Constantin Film Verleih (C-264/19), mogħtija fid-9 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-upload ta' film fuq pjattaforma ta' filmati online mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tad-dritt tal-awtur, id-Direttiva 2004/48 [1] ma tobbligax lill-awtoritajiet ġudizzjarji jordnaw lill-operatur tal-pjattaforma ta' filmati jipprovdi l-indirizz tal-posta elettronika, l-indirizz IP jew in-numru tat-telefon tal-utent li wettaq upload tal-film kontenzjuż. Id-Direttiva, li tipprevedi l-provvista tal-"indirizzi" tal-persuni li ppreġudikaw dritt ta' proprjetà intellettwali, tkopri biss l-indirizz postali.

Fl-2013 u l-2014, il-films Parker u Scary Movie 5 ittellgħu fuq il-pjattaforma ta' filmati YouTube, mingħajr il-kunsens ta' Constantin Film Verleih, proprjetarja tad-drittijiet ta' operat esklużivi fuq dawn ix-xogħlijiet fil-Ġermanja. Dawn ġew ivviżjonati għexur ta' eluf ta' drabi. Għalhekk Constantin Film Verleih irrikjediet, min-naħa ta' YouTube u ta' Google, fejn din tal-aħħar hija l-kumpannija omm tal-ewwel kumpannija li magħha l-utenti għandhom l-ewwel jirreġistraw lilhom infushom permezz ta' kont utent, li dawn jipprovdulha sensiela ta' informazzjoni relatata ma' kull wieħed mill-utenti li kienu wettqu l-upload. Iż-żewġ kumpanniji rrifjutaw li jipprovdu lil Constantin Film Verleih l-informazzjoni relatata ma' dawn l-utenti, b'mod partikolari, l-indirizzi tal-posta elettronika u n-numri tat-telefon kif ukoll l-indirizzi IP użati minnhom kemm fil-mument ta' upload tal-fajls ikkonċernati kif ukoll fil-mument tal-aħħar aċċes għall-kont Google/YouTube tagħhom.

Il-kawża prinċipali kienet tiddepenedi mill-punt dwar jekk tali informazzjoni taqax taħt il-kunċett ta' "indirizzi" fis-sens tad-Direttiva 2004/48. Din id-direttiva tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw il-provvista tal-informazzjoni dwar l-oriġini u n-networks ta' distribuzzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li jippreġudikaw dritt ta' proprjetà intellettwali. Fost din l-informazzjoni hemm b'mod partikolari l-"indirizzi" tal-produtturi, distributuri u fornituri tal-oġġetti jew tas-servizzi użati għal attivitajiet li jikkontravjenu.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fir-rigward tas-sens abitwali tat-terminu "indirizz", dan jirrigwarda biss l-indirizz postali, jiġifieri, il-post ta' domiċilju jew ta' residenza ta' persuna speċifika. B'hekk meta dan it-terminu jintuża mingħajr preċiżazzjoni oħra, bħal fid-Direttiva 2004/48, dan ma jirrigwardax l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefon jew l-indirizz IP. Fit-tieni lok, ix-xogħlijiet preparatorji[2] li wasslu għall-adozzjoni tad-Direttiva 2004/48 ma jinkludu ebda indikazzjoni ta' natura li tissuġġerixxi li t-terminu "indirizz" għandu jinftiehem fis-sens li ma jinkludix biss l-indirizz postali, iżda wkoll l-indirizz ta' posta elettronika, in-numru tat-telefon jew l-indirizz IP tal-persuni kkonċernati. Fit-tielet lok, l-eżami ta' atti oħra tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw l-indirizzi ta' posta elettronika jew l-indirizz IP juri li ebda wieħed minnhom ma juża t-

[1] Artikolu 8(2)(a) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

[2] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri u proċeduri sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' drittijiet tal-proprjetà intelletwali tat-30 ta' Jannar 2003 (COM (2003) 46 final), l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2003 (ĠU 2004, C 32, p. 15) u r-rapport tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2003 (A5-0468/2003) dwar din il-proposta.

terminu “indirizz” mingħajr preċiżazzjoni oħra, sabiex jindika n-numru tat-telefon, l-indirizz IP jew l-indirizz tal-posta elettronika.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja din l-interpretazzjoni hija konformi mal-għan li għandu jintlaħaq mid-dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/48 dwar id-dritt għal informazzjoni. Fil-fatt, fid-dawl tal-armonizzazzjoni minima li tirrigwarda l-osservanza tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali b’mod ġenerali, din l-armonizzazzjoni hija limitata, skont l-imsemmija dispożizzjoni, għal elementi ta’ informazzjoni ddefiniti sew. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni hija intiża li tirrikonċilja r-rispett ta’ drittijiet differenti, b’mod partikolari d-dritt ta’ informazzjoni tal-proprjetarji mad-dritt għall-protezzjoni tad-data ta’ natura personali tal-utenti.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kunċett ta’ “indirizzi” li jinsab fid-Direttiva 2004/48, ma jinkludix, fir-rigward ta’ utent li wettaq upload tal-fajls li jippreġudikaw dritt ta’ proprjetà intellettwali, l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, in-numru tat-telefon tiegħu kif ukoll l-indirizzi IP użat biex isir l-upload tal-fajls jew l-indirizz IP użat waqt l-aħħar aċċess tiegħu fil-kont utent.

**Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-Istati Membri għandhom il-fakultà li jagħtu lill-proprjetarji ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali d-dritt li jirċievu informazzjoni iktar estiża, madankollu suġġett għall-fatt li jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn id-drittijiet fundamentali differenti preżenti u l-osservanza l-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt tal-Unjoni, bħall-prinċipju ta’ proporzjonalità.**

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b’mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, fuq il-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*